MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2013

Numru. 1114/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohammed Fatax Ahmed ta` 28 sena iben Mohammed fatax u Ahmed imwieled Somalia nhar il-1 ta` Jannar 1985, residenti 79, Triq Patri Felicjan Bilocca, Marsa u detentur tan-numru tal-karta ta` l-identita 43981A

Talli;

Nhar is-7 ta` Novembru 2013 bejn il-hdax ta` filghodu (11:00hrs) u s-siegha ta` wara nofs in-nhar (13:00hrs) gewwa l-Marsa b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, jaghmel qleigh bi hsara ta` haddiehor.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq aggravat bil-valur uriet b`atti esterni u tat bidu ghall-eskuzzjon tad-delitt ma giex esgwiet minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volontra taghha.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici f`serq ta` cekkijiet kif ukoll sabiex jissarfu l-istess cekkijiet, billi xjentement ghenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat jew b`xi mod sahhet il-volontra sabiex isehh id-delitt u dan sar ghad-dannu ta` Kateryna Zrinzo.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta` cekkijiet tal-Bank of Valleta, li l-ammont taghhom ma jeccediex il-valur ta` 232.94€

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe` cekkijiet, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reati, jew, xjentement, b`kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew

l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 284, 285, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi ddedotti kontra tieghu u ghal daqstant qiegheda tikkundanah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta l-Artikoli 28A Tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------